MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Numru 21/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Arnold Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 21 tas-sena 2010 kontra l-akkużat Arnold Farrugia [detentur tal-karta tal-identita bin-numru 471569M] li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati illi persuna ta' nazzjonalita` Maltija kienet ser timporta ammont sostanzjali ta' droga illegali mill-Olanda permezz tal-użu ta' trailer-freezer (reefer) li tappartjeni lilha u liema mezz ta' trasport kellha n-numru ta' reġistrazzjoni TR529.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fil-ġranet qabel il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) kif ukoll dakinhar, l-akkużat Arnold Farrugia, iddeċieda illi jibda jmexxi u jittraffika fid-droga kokajina. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel, l-akkużat kien ftiehem ma' persuna oħra barra minn Malta li kellha tgħaddilu l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużat jimportaha u jikkonsenjaha lill-persuni oħra f'Malta. Filfatt Arnold Farrugia siefer minn xtutna bit-trailer-freezer bin-numru TR529 fejn wara żjara ġewwa l-Olanda u wara li ngħata d-droga in kwistjoni u ħeba l-istess fil-magna tal-cooler tal-kontenitur, hu bagħat il-kontenitur bil-vapur lura Malta filwaqt li hu ħa titjira mill-Olanda għal Malta tramite l-Ingilterra. Dan kollu sar bi skop li l-akkużat jittraffika l-imsemmija droga.

Filfatt fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) waqt osservazzjoni li kienet qed issir mill-pulizija fuq vetturi u mezzi oħra li jidħlu bil-vapur ġewwa l-Laboratory Wharf, irriżulta li għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10 :00am) mal-wasla tal-vapur Maltese Falcon, il-kontenitur in kwistjoni ġie interċettat bħala waħda mill-oġġetti trasportati minn din id-dgħajsa u li debitament tniżżlet ġewwa pajjiżna. Ftit tal-ħin wara dehret persuna qed issuq mechanical horse li gganċjat ma' din it-trailer freeżer sabiex tittrasporta l-istess barra mill-port u f'dak il-mument il-pulizija żammewħ milli jagħmel hekk minħabba s-suspetti li kellhom dwar il-kontenut illegali ta' dan il-mezz ta' trasport. In segwitu għal iktar investigazzjonijiet rriżulta li l-

proprejtarju tar-reefer in kwistjoni bin-numru TR529 huwa ex admissis l-akkużat Arnold Farrugia. Wara tfittxija akkurata li saret f'dan il-mezz il-pulizija effettivament sabet sitt pakketti kbar u pakkett żgħir ta' lewn iswed li irriżultaw li kienu jikkontjenu sustanża bajda suspettata li kienet id-droga kokajina u li hija kkunsidrata bħala droga illegali f'pajjiżna. Din is-sustanza nstabet moħbija fil-magna tal-cooler tal-istess kontenitur bin-numru TR529.

Fortunatament id-droga ġiet interċetata u nstabet fir-reefer tal-akkużat fiċ-ċirkostanzi kif hawn fuq imsemmija u b'hekk l-akkużat ġie arrestat dakinhar tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005). Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li din is-sustanza kienet effettivament d-droga imsemmija fl-ammont globali ta' madwar sitt elef mitejn u għaxar grammi (6210.0 grammi) kokajina fil-forma ta' sitt (6) blokkok u pakkett żgħir u li kellha l-purita' ta' ħamsa u tmenin punt tmienja fil-mija (85.8%). Il-kokajina titqies bħala mediċina perikoluża li hija sustanża illegali skond il-Liġi tagħna, u liema sustanża għandha l-valur kumplessiv ta' bejn erba' mija erba u tletin elf u seba mitt Euro u sitt mija disgħa u tletin elf sitt mija u tletin Euro (€434,700 - €639,630).

Illi b'għemilu l-imsemmi Arnold Farrugia sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Arnold Farrugia ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni

oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' prġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u fil-ġranet ta' qabel u ċioe` kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ bit-trailer-freezer tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni TR529 fejn wara li mar l-Olanda, bagħat il-kontenitur bil-vapur lura Malta filwaqt li hu ħa titjira mill-Olanda għal Malta tramite l-Ingilterra. Dan il-kontenitur kien jikkontjeni il-fuq minn sitt kilogrammi kokajina li nħbew bl-għarfien u bil-kunsens xjenti tal-akkużat fil-magna tal-cooler tal-istess kontenitur bin-numru ta' reġistrazzjoni TR529 u dan kollu sar bi skop li l-akkużat jimporta u jittraffika l-imsemmija droga, li tirrapreżenta mediċina perikoluża u sustanża illegali skont il-liġijiet tagħna. Effettivament li kieku l-pulizija u l-uffiċjali involuti fl-investigazzjoni ma interċettawx il-kontenitur tal-akkużat u ma ndunawx bis-sustanza suspettuża, dan il-kontenitur kien ser jispiċċa f'idejn l-akkużat b'mod

awtomatiku u sussegwentement is-sustanza perikoluża li nstabet kienet ser tgħaddi f'idejn terzi persuni ġewwa Malta bi ftehim mal-akkużat u li faċilment setgħu jittraffikawha għal skopijiet ta' lukru. Illi b'hekk hu ġiegħel li din id-droga tiġi importata ġewwa Malta llegalment.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Arnold Farrugia sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenżja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Arnold Farrugia, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanża li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro

(€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel żewġ kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), u fil-ġranet ta' qabel, minħabba l-fatt li l-kontenitur in kwistjoni kienet indubjament propjeta' tal-akkużat u liema kontenitur kien ser jispiċċa f'idejn l-akkużat b'mod awtomatiku, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspetuża li instabet ġo fiha irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet id-droga kokajina u cioe' mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta' wieħed iqis il-*modus operandi* tat-trasport ta' din is-sustanża, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skont il-Liġi. L-akkużat m'għandux problema ta' droga u kwindi din is-sustanza perikoluża ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad-droga li instabet kienet waħda konsiderevoli u ċioe' fl-ammont globali ta' madwar sitt elef mitejn u għaxar grammi (6210.0 grammi) kokajina fil-forma ta' sitt (6) blokkok u pakkett żgħir li ċertament ma' tindikax skop għall-użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa mil-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Arnold Farrugia sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Arnold Farrugia ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorzzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-

Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma’ ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma’ kienx għall-użu esklussiv tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ għomor il-ħabs u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-ġurija tal-lum li bih :

Bi tmien  voti favur u b’ vot wiehed kontra sabu lil Arnold Farrugia ħati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża

Bi tmien voti favur u b’vot wiehed kontra, sabu lil Arnold Farrugia hati tal-akkuza taht it-tieni kap tal-akkuża;

Bi tmien voti favur u b' vot wiehed kontra, sabu lil Arnold Farrugia hati tal-akkuza taht it-tielet kap tal-akkuża;

Tiddikjara ghalhekk lil Arnold Farrugia hati talli

1. assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, u dan skont l- Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza ;

2. importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanża li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett, u dan skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza ;

3. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt

tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu, u dan skont it-Tielet Kap tal- Att tal- Akkuza;

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-Difiza.

Qieset is-sottomissjonjiiet kollha tal-abbli difensur Dr Edward Gatt li jinsabu kollha registrati u senjatament, imma mhux biss, is-segwenti :

(1) Illi għandu jkun hemm kemm jista' jkun uniformita' fl- ghoti tal-pieni. Huwa rrefera ghal kaz iehor illi kien qed jimxi flimkien ma' dan u li nqata' fis-16 ta' Marzu, 2009.
(2) Li ghandu jittiehed ukoll konsiderazzjoni tat-tul ta' zmien minhabba li l-kaz beda fis-sena 2005 u spicca fis-sena 2014. L- abbli difensur ikkonceda li dan il-guri ma sarx fi Frar tas-sena l-ohra minhabba ragunijiet ta' sahhet il-klijent. Dan l-istat ta' sahha baqa' b'xi problemi sakemm umbaghad inqalghu problemi wkoll ta' sahha f' wiehed mix- xhieda tal-Prosekuzzjoni.
(3) Illi l- hati diga' sofra hafna minhabba dan il-process kif ukoll batew il-familjari tieghu.
(4) B'referenza dwar xi allegazzjonijiet li setghu saru matul il-guri Dr Edward Gatt ghad-Difiza skuza ruhu ghal kull inkonvenjent illi setghu sofrew l-ufficjali tal-pulizija. Huwa qal illi f' gurijiet fil-passat il-livell ta' antagonizmu kien ikun ferm oghla minn dak illi kien hemm matul dan il-guri. Fuq kollox ma ghandux isofri xi dannu l- hati minhabba dawn l-allegazzjonijiet.

Qieset dak li qalet l- abbli prosekutrici Dr Lara Lanfranco u cioe' :

(i) Illi l-prosekuzzjoni hija konxja li jkunu ser jintlaqtu diversi persuni minhabba s-sentenza. Izda hija rriferiet ghal dawk il-persuni l-ohra li jkollhom it-tentazzjoni jaghmlu dawn it-tip ta' reati. Ghalhekk irid jintbaghat messagg lis-socjeta' li min ikollu x' jaqsam ma' d-droga bil- kbir ghandu jhallas sew ta' ghemilu.

(ii) Il-Prosekuzzjoni qalet ukoll illi l- ammont involut huwa ta' aktar minn sitt kilos kokaina u l-purita' hija ta' hamsa u tmenin fil-mija. Dan l-ammont huwa wiehed serju. Hawn il-Prosekuzzjoni rreferiet ghal decizjoni moghtija fl-24 ta' Novembru 2011 fejn zewg barranin li kienu ghadhom zghazagh kellhom tliet kili ta' kokaina kull wiehed b' purita' ta' tlieta u hamsin fil-mija kienu kkundannati erbatax –il sena prigunerija kull wiehed. (Dan sar wara ammissjoni bikrija u ftehim mal-Avukat Generali dwar il-piena).

(iii) Dwar id-dewmien fil-proceduri hija qalet li dan ma kienx kaz facli u li jehtieg gbir ta' provi estensivi. Ghalhekk meta jitqies kollox ma kienx hemm xi dewmien eccessiv.

(iv) Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet ukoll illi saru certa allegazzjonijiet dwar il-mod kif tmexxiet l- investigazzjoni. Hija qalet illi dan ma huwiex accettabli. Dwar dan hija rreferiet ghall- kaz Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Muscat, deciz fit-30 ta' Jannar, 2008.

(v) Il-Prosekuzzjoni gibdet l-attenzjoni tal-Qorti li fis-sentenza msemmija mid-Difiza kien hemm ammissjoni u li ghalhekk l-ammissjoni taghmel differenza.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Din il-Qorti dejjem ghamlet dak kollu li huwa umanament possibbli sabiex il-pieni li jinghataw ikunu kemm jista' jkun gusti. Ghalhekk dejjem ippruvat tqabbel certa elementi li jkun hemm fil-kaz ma' elementi f' sentenzi ohra li nghataw minn din il-Qorti diversament presjeduta. Hemm limiti ta' kemm tista' tqabbel ghaliex bizzejjed wiehed jirreferi ghal kaz deciz fit-13 ta' Jannar 2010 moghti minn din il-Qorti

diversament presjeduta (mill- Imhallef Dr Joe Galea Debono) fejn ghal ammont anqas minn dak prospettat f'dan il-kaz u b' purita' anqas inghatat sentenza ta' ghoxrin sena prigunerija. Fil-kaz li ghadu kif issemma l-hati kien ghadda guri u ma kienx hemm ammissjoni.

Tqabbel kemm tqabbel jibqa' l-problema li kull kaz ikollu dak l-element ghalih. Kwistjoni importanti hija dejjem jekk saritx ammissjoni jew le u jekk kienx hemm xi forma ta' ftehim bejn id-Difiza u l- Avukat Generali. Kemm fil-kaz imsemmi mill-Prosekuzzjoni kif ukoll fil-kaz imsemmi mid-Difiza kull darba kien hemm ammissjoni qabel il-guri kif ukoll il-piena kienet miftehma bejn id-Difiza u l-Avukat Generali. Huwa importanti li min jammetti jkollu certa beneficcji. Din mhix xi prattika li ssir f' Malta biss izda hija mxerrda ma' hafna pajjizi civilizzati fl- erba' nahat tad-dinja. Barra minn hekk ikun hemm ohrajn illi jgawdu b' nuqqas ta' grad jew tnejn mill-piena skont l-artikolu 29 tal-Kap 101 meta dawn ikunu ghenu lill- Prosekuzzjoni biex taqbad minn fejn tkun gejja d-droga. Anka din il-prattika hija uzata f' hafna pajjizi ohra tad-dinja.

F' dan il-kaz la kien hemm ammissjoni qabel il-guri u lanqas xi ftehim bejn id-Difiza u l-Avukat Generali. Dan l-element wahdu johloq certa differenza fil-piena.

Wiehed irid ukoll janalizza xi jkunu l-akkuzi. Meta jibda jqabbel dawn jibda jara illi f'kaz ikun hemm, per ezempju assocjazzjoni ghal tul ta' zmien waqt li fil-kaz ta' llum barra l-assocjazzjoni kien hemm ukoll l-importazzjoni u l-pussess aggravat. Isegwi li minkejja kull sforz li wiehed jaghmel tispicca biex il-Qorti jkollha tizen kollox mill-gdid wara li tkun irriflettiet fuq xi kazi li jistghu ikunu relevanti.

Dwar it-trapass ta’ zmien, il-kaz ma kienx wiehed hafif u kien fih certa kumplessita’. Il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dejjem qieset tliet elementi dwar id-dewmien ta’ xi kaz : (a) il-komplessita’ tal-kaz; (b) l-imgiba tal-awtoritajiet; (c) l-imgiba tal-hati. Il-Qorti nnotat illi l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bilfors kellhom jiehdu certa zmien ghax kellhom sahansitra jigu allegati processi verbali li kellhom x’ jaqsmu ma’ kaz iehor. Dawn il-processi verbali kienu wkoll redatti minn Magistrati differenti.

Barra dan kollu inqalghu kumplikazzjonijiet bi problemi tas-sahha illi l-Qorti ma kellha ebda kontroll fuqhom.

Ghalhekk qed tikkonkludi li d-dewmien ta’ zmien la huwa tort tal-awtoritajiet u lanqas tort tal-akkuzat.

Dwar l-allegazzjonijiet li setghu saru l-Qorti qed tikkunsidra dak li qalet id-Difiza b’ risposta ghas-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni. Qed tikkonkludi li dan ma ghandux ikun rifless fil-piena.

Ghalhekk il-Qorti, waqt li zammet kull punt li ntqal mid-difiza u mill-prosekuzzjoni dwar il-piena, ma tistax tinjora kemm l- ammont involut kif ukoll li, b’ kuntrast ma’ sentenzi ohra, f’dan il-kaz la kien hemm ammissjoni bikrija u lanqas xi ftehim bejn l-Avukat Generali u d-Difiza.

**Konsiderazzjonijiet tal- ahhar.**

Il-Qorti qed tqis illi l-fedina penali tal-hati ma kien hemm ebda oggezzjoni dwarha fis-sottomissjonijiet li saru miz-zewg nahat. Ma tqisitx bhala wahda preokkupanti.

Qieset ukoll illi r-reati taht l-Ewwel u t-Tieni Kapi f'dan il-kaz partikolari servew bhala mezz biex sar ir-reat kontemplat fit-Tielet kap u ghalhekk skont l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 l-Ewwel u t-Tieni Kap jigu assorbiti fit-Tielet Kap.

Wara li qieset dan kollu, b'mod partikolari li ma kienx hemm ammissjoni qabel il-guri u xi ftehim bejn l-Avukat Generali u d-Difiza dwar il-piena, u wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Avviz Legali 292/39) u l-artikoli 17(h), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali qed tikkundanna lil hati Arnold Farrugia ghall-piena ta' tnejn u ghoxrin sena prigunerija b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn ir-reati kif ukoll tikkundannah ihallas multa ta' hamsin elf Ewro (€50,000) liema multa ghandha tithallas fi zmien hmistax –il jum mil-lum u li jekk jonqos li jhallasha din il-multa fiz-zmien preskritt din ghandha tinbidel fi tmintax –il xahar prigunerija u li jhallas ukoll is-somma ta' erbat elef, mija u erbgha w erbghin Ewro u sitta u disghin centezmu (Ewro 4,144.96c) import tal-ispejjez peritali a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax – il jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il- Gvern ta’ Malta tal- oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il- Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal- hati.

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b’nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma’ xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x’jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-Assistent Registratur u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta’ din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta’ tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------